MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1012/2006

**Carmelo u Antonia konjugi Borg (ID Nos.147752M u 410755M rispettivament)**

**Vs**

**Reno Azzopardi (ID No. 457084M)**

**Il-Qorti**

Rat l-**atti tar-rikors** gurament li permezz tieghu ir-rikorrenti ssottomettew illi:

1. Illi in forza ta' skrittura privata datata 27 ta' Gunju 2006 il-konvenut inghata b'titoliu ta' lokazzjoni minghand l-atturi, l-fond ossia hanut maghruf bl-isem "*Maxim*"', fi Triq il-

Ferrovija, Sta Venera, u dan versu l-pattijiet u kundizzjonijiet riportati fl-istess skrittura hawn mehmuza.

2. Illi l-kera gravanti l-istess fond kellha tithallas kull xahar bil-quddiem, bir-rata ta’ sitt liri Maltin (Lm 6.00) kuljum, inkluzi Hdud u festi, u dan b’effett mis-27 ta’ Awissu 2006.

3. Illi l-intimati huma moruzi fil-hlas tal-kera mid-data hawn imsemmija tas-27 ta’ Awissu 2006, u cioe’ huma dovuti zewg (2) skadenzi kera, liema arretrati ta’ kera jammontaw ghal tliet mija sitta u sittin lira Maltin (Lm 366.00).

4. Illi ai termini tal-klawsola numru tlieta (3) tal-ftehim, f’kaz illi l-inkwilini jkunu moruzi fil-hlas ta’ zewg (2) skadenzi kera, allura l-lokazzjoni tigi terminata *ipso facto* u s-sidien ikollhom id-dritt li jirriprendu l-pussess tal-fond in kwistjoni.

5. Illi oltre dan, il-konvenut kiser ukoll il-kundizzjoni stipulata fi klawsola numru wiehed (1) tal-istess ftehim ta’ lokazzjoni, u l-istess konvenut gie debitament notifikat b’ittra ufficjali datata 9 ta’ Awissu 2006 fl-4 ta’ Settembru 2006.

6. Illi fil-fehma tal-atturi, l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet tal-atturi.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna lill-konvenut sabiex jivvaka l-fond lilu mikri fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti, stante morozita’ fil-hlas ta’ zewg (2) skadenzi kera b’effett mis-27 ta’ Awissu 2006, u dan in forza tal-klawsola numru tlieta (3) tal-iskrittura ta’ lokazzjoni datata 27 ta’ Gunju 2006, oltre wkoll ksur tal-kundizzjoni stipulata fi

klawsola numru wiehed (1) tal-istess skrittura ta' lokazzjoni.

3. Tordna lill-konvenut ihallas l-arretrati ta' kera dovuti lill-atturi ghall-perjodu mis-27 ta' Awissu 2006 sas-27 ta' Ottubru 2006 fl-ammont ta' tliet mija sitta u sittin lira Maltin (Lm 366.00).

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Awissu 2006, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi r- rikors gie debitament notifikat lil intimat li naqas li jipprezenta risposta u hekk baqa' kontumaci;

Semghet lil avukat tar-rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Bili mill-provi mhux kontadetti t-talba kif mitluba tirizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-intimat tiddedici billi tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors u ghal dan il-ghan tiprefiggi teminu ta' xahar zmien millum improrogabbli, tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-arretrati ta' kera fl'ammont ta' tlett mija u sitta u sttin lira Maltin (Lm366) bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------